



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. fr)

8803/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0119(NLE)

PECHE 155

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 216 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 216 final.

Mehmuż: COM(2023) 216 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.4.2023
COM(2023) 216 final

2023/0119 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Abbażi tad-direttivi tan-negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni wettqet negozjati ma' Madagascar dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar u ta' Protokoll ġdid ta' Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. L-għan huwa li l-bastimenti tal-Unjoni jingħataw aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Madagascar u jitħallew jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati, taħt il-mandat ta' ġestjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). Wara dawn in-negozjati, fit-28 ta' Ottubru 2022 ġew inizjalati test ġdid tal-Ftehim u test ġdid tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni.

Il-Ftehim il-ġdid iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim eżistenti; ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 19, jiġifieri l-1 ta' Lulju 2023, dejjem jekk il-partijiet ikunu ffirmawh sa dak inhar, jew mid-data ta' ta' meta jiġi ffirmat jekk dan iseħħ wara l-1 ta' Lulju 2023. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 19, skont l-istess dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin:

- 32 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun;
- 13-il bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 100;
- 20 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' 100 jew inqas,

kif ukoll bastimenti ta' appoġġ skont ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-IOTC.

Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-għan ewlieni tal-SFPA il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-politika komuni tas-sajd riformata u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan se jgħin biex titkompla u tissaħħa is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar. L-SFPA l-ġdid se jippermettilhom jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli, f'konformità mal-għan tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li huwa rikonoxxut fid-dritt tal-Unjoni, u sfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Madagascar, kif ukoll l-isforzi ta' Madagascar biex jiżviluppa l-ekonomija marittima sostenibbli tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet. Din il-kooperazzjoni se tgħin ukoll biex jiġi promoss il-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Madagascar, skont kemm ikun hemm riżorsi tal-baħar żejda disponibbli. Huwa bbażat fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-IOTC, li hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li tiġġestixxi l-istokkijiet tal-ħut li jpassu ħafna. Il-miżuri ta' ġestjoni adottati mill-IOTC huma inklużi wkoll fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Politika Komuni tas-Sajd li japplikaw għaż-Żona tal-IOTC, b'mod partikolari

¹ it-3622 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-4 ta' Ġunju 2018
<https://www.consilium.europa.eu/media/36284/st09680-en18.pdf>

dawk tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd². Il-Kummissjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha parzjalment fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2015-2018) u fuq valutazzjoni minn perspettiva futura bl-għan li jiġi deċiż għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet saru minn esperti esterni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' SFPA ġdid huwa parti minn azzjoni esterna tal-Unjoni rigward il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u b'mod partikolari jqis l-oġettivi tal-UE dwar ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u Madagascar huma Partijiet għall-Ftehim interim, li ġie ffirmat fid-29 ta' Awwissu 2009, li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afrika minn naħa waħda u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra. In-negozjati għal SFPA ġdid huma konformi mal-FSE, li jipprevedi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-iżvilupp tas-settur tas-sajd u fil-kummerċ tal-prodotti tiegħu, li jkopri s-sajd fil-baħar, is-sajd fl-ilmijiet interni u l-akkwakultura.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll 2015-2018, tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' Madagascar kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll³.

L-evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll 2015-2018 ikkonkludiet li kien jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra stabbiliti dwar l-aċċess għal dak ir-reġjun, u jippermetti li l-bastimenti tal-Unjoni jottimizzaw l-isfruttament tal-istokkijiet tal-ħut li jpassu skont ir-regoli reġjonali stabbiliti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan. Il-Protokoll tqies rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati fl-Unjoni, billi kien jagħti aċċess prevedibbli lill-operaturi tal-bastimenti tal-Unjoni għal żona tas-sajd ta' interess fejn l-ispeċijiet fil-mira huma abbondanti. L-aċċess għall-ilmijiet ta' Madagascar jagħti l-opportunità lill-flotta tal-bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ tal-Unjoni bbażati f'La Réunion jistadu f'firxa aktar

² ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1–219. Ara t-Taqsim 5 u l-Anness II.

³ [Évaluation rétrospective et prospective du protocole à l'accord de partenariat dans le domaine de la pêche durable entre l'Union européenne et la République de Madagascar - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE \(europa.eu\)](#)

wiesgħa li testendi sal-ilmijiet fil-viċinat ta' dan ir-reġjun ultraperiferiku. L-attivitajiet tal-flotta tas-sajd tat-tonn tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Madagascar u f'firxa aktar wiesgħa tal-Oċean Indjan iġġeneraw impatti soċjoekonomiċi pożittivi sostanzjali għal Madagascar, li permezz tal-kapaċità tal-ipproċessar lokali, jiġbor parti mill-valur miżjud, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ġiet stabbilita f'livell li b'mod ġenerali huwa ekwivalenti għall-opportunitajiet tas-sajd sfruttati. Fir-rigward tal-appoġġ settorjali, fl-evalwazzjoni ġie nnutat li l-implimentazzjoni tal-programm kien sodisfaċenti b'rata ta' ħruġ ta' flus tajba f'terminu medju u li programm futur ta' appoġġ settorjali għandu jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza, tal-kapaċitajiet ta' spezzjoni tas-saħħa biex tiġi ppreservata l-kapaċità ta' esportazzjoni, u tal-appoġġ għat-taħriġ professjonali tal-baħħara. Programm ta' appoġġ settorjali futur ikun jista' jgħin ukoll biex jiġi żviluppat is-settur tas-sajd nazzjonali permezz ta' appoġġ lis-sajjeda artiġjanali, u permezz li tinżamm koordinazzjoni tajba ma' attivitajiet iffinanzjati minn donaturi oħra. L-evalwazzjoni tirrakkomanda li parti mill-finanzjament disponibbli jinżamm għar-reklutaġġ ta' assistent tekniku estern biex jikkoordina u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li huwa sieħeb ewlieni, li hu fornitur ta' prodotti tas-sajd lill-Unjoni u li hu parti kkonċernata fix-xena internazzjonali, u għandu żoni tas-sajd li huma ta' interess għall-flotta tal-Unjoni.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tas-settur, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lill-amministrazzjoni tas-sajd u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ta' Madagascar. Saru wkoll konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal. Minn dawn il-konsultazzjonijiet jidher li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u ta' Madagascar li jinżamm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali profonda, b'possibbiltajiet ta' finanzjament pluriennali għal Madagascar, u huwa fl-interess tal-armamenti tal-UE li jinżamm aċċess għal żona tas-sajd kbira permezz ta' Ftehim fis-settur tas-sajd. Mill-evalwazzjoni tal-2018, is-settur professjonali kkonferma fil-laqgħat tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal li l-interess tiegħu nżamm.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabbdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, għall-evalwazzjoni u għar-rapportar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu bejn l-Unjoni Ewropea u

r-Repubblika ta' Madagascar, kif ukoll mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tagħhom. Dan ir-Regolament għandu japplika ladarba jkunu jistgħu jibdw isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") f'isem l-Unjoni Ewropea, kif ukoll Protokoll ġdid ta' Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").
- (2) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew inizjalati fi tmien dawn in-negozjati, fit-28 ta' Ottubru 2022.
- (3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim ta' Sħubija preċedenti dwar is-Sajd bejn l-istess partijiet, li ilu japplika mid-19 ta' Diċembru 2007⁴.
- (4) Il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu ġew iffirmati fil-[...], f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/...⁵, soġġett għall-konklużjoni tagħhom f'data aktar tard.
- (5) L-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll għall-istokkijiet ta' ħut li jpassu ħafna, stabbiliti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet u r-risoluzzjonijiet adottati mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan, jenħtieġ li jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (6) Dawn il-miżuri huma urġenti minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Għalhekk, il-Protokoll se japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Lulju 2023, dejjem jekk ikun ġie ffirmat sa dak inhar, jew mid-data ta' ta' meta jiġi ffirmat jekk dan iseħħ wara l-1 ta' Lulju 2023, sabiex ikunu jistgħu jsiru l-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika minn dik l-istess data,

⁴ ĠU L 331, 17.12.2007, p. 7

⁵ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/... tal-Kunsill ta' ... 2023 dwar ... (ĠU C [...], [...], p. [...]).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej, matul il-perjodu kollu tal-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll:

- a) Bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun:
- | | | |
|-----------|-----------|------------|
| Spanja: | 16-il | bastiment |
| Franza: | 15-il | bastiment |
| L-Italja: | bastiment | 1 |
| Total | 32 | bastiment; |
- b) Bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 100;
- | | | |
|---------------|-----------|------------|
| Spanja: | 7 | bastimenti |
| Franza: | 5 | bastimenti |
| Il-Portugall: | bastiment | 1 |
| Total | 13-il | bastiment; |
- c) Bastimenti li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' 100 jew inqas;
- | | | |
|---------|----|------------|
| Franza: | 20 | bastiment |
| Total | 20 | bastiment. |

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President